MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

# Is-Sebgha Legislatura

# Laqgħa Numru 53

9 ta` Mejju 2018

Il-Kunsilli Lokali Birgu ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Berga ta` Franza, Triq Hilda Tabone Birgu fis-sitta neqsin kwart ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Trevor Mizzi – Viċi Sindku
Is-Sur Lawrence Attard – Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel - Kunsillier
Is-Sur Eman Zerafa – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Lara Mascena – Segretarju Eżekuttiv

John Boxall - Sindku, Trevor Mizzi – Viċi Sindku
Anthony Gellel - Kunsillier, Eman Zerafa - Kunsillier, Lawrence Attard – Kunsillier
Lara Mascena –Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u ppresjeda l-laqgħa.

### 53.1 Qari ta` Ittri ta` Apologija

Ma kienx hemm ittri ta` apologija

### 53.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat il-Minuti tal-Laqgha Annwali u tal-Laqgha Numru 51(07) fejn gew approvati bi qbil unanimu.

**<u>Punti mqajjma mill-Minuti</u>**

53.2.1 Is-Sur Trevor Mizzi propona li ssir laghqa ma` rapprezentati mill-Planning Authority dwar diversi permessi li ghandu l-Kunsill sabiex jikseb xi fondi biex ikun jista jwettaqom. Dwar dan kien hemm qbil unanimu biex tissejjah laqgha fl-iqsar zmien possibli. *(Minuti 51(07) 51.2.2)*

53.2.2 Is-Sur John Boxall informa lil dawk prezenti li l-cameras ta` Triq it-Torri ta` San Gwann gew installati u qeghdin jahdmu, fejn diga` nqabad xi hadd jarmi zibel fejn l-skips. Is-Sur Boxall zied jghid li fil-jiem li gejjin ser tigi installata l-camera fi Triq il-Mandragg.

### 53.3 Informazzjoni dwar il-Konferenza tal-Progett YIEPS

Is-Sur John Boxall informa lil dawk prezenti li waqt il-konferenza tal-Progett YIEPS il-Kunsill mar tajjeb hafna. Id-delegati kollha prezenti rringrazzjaw lill-Kunsill tal-organizazzjoni li saret matul dawk il-jiem. Is-Sindku zied jghid li l-Agenzija li hadem maghha l-Kunsill kienet ta` beneficcju kbir, fejn il-Kunsill sab is-sapport kollu mehtieg minn naha taghhom peress li l-Kunsill kien il-Lead Partner tal-progett u propona li fil-futur l-istess Kunsill jerga` jahdem ma` din l-Agenzija fi progetti simili. Dawk prezenti qabblu unanimament ma` dak propost. Is-Sur Boxall zied jghid li qed issir rendikont ta` xi ntefqu flus u x`se jibbenifika l-Kunsill minn dan il-progett.

**53.4 Birgufest**

Is-Sur John Boxall talab sabiex issir laqgha mas-Sur Andrew Agius Muscat sabiex jigu diskussi l-issues kollha relatati mall-Birgufest ta` din is-sena. Is-Sindku propona sabiex fil-jiem li gejjin tintbghat notifika lir-residenti sabiex jibdew jingabru l-fliexken tal-plastik qabel ma tidhol fis-sehh l-iskema li ser jintorduci l-Gvern u propona wkoll li ssir laqgha mall-ghaqdiet u l-hwienet. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**53.5 Konferenza tal-Assoccjazzjoni ALDA u l-mizata ta` kull sena**

Is-Sur John Boxall informa lil dawk prezenti li fil-laqgha generali tal-ALDA li attenda ghaliha gewwa Brussels ftit tal-granet ilu, fost diversi suggetti, giet diskussa l-mizata li trid tithallas kull sena mill-Kunsill. Is-Sindku qal li dwar il-hlas tal-mizata kien hemmm astinenza qawwija minn dawk prezenti. Is-Sur John Boxall zied jghid li huwa propona li l-Kunsill jista` jhallas sa` €500 f`sena u jemmen minn din l-Assocjazzjoni ALDA, il-Kunsill ghandu x`jibenefikka minnha. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

**53.6 Riciviment ta` ringrazzjament ghad-donaturi tal-Kunsill**

Is-Sur John Boxall informa lil dawk prezenti li l-Kunsill qed jiehu hsieb jiprepara kollox ghar-riciviment li ser ssir lid-donaturi tal-Kunsill. Is-Sindku zied jghid li qed jingabru l-kwotazzjonijiet tal-ikel, u propona li l-Kunsill ghandu jmur ghall-irhas offerta. Dwar dan kien hemm qbil unanimu minn dawk prezenti

**53.7 Decizjoni dwar il-bord tal-ghazla tas-sejhiet tal-offerti tal-Avukat u l-Perit**

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lil dawk prezenti li sejhiet ghall-offerti kienu ghalqu fit-30 ta` April 2018 u ghalhekk irid jigi deciz minn ser ikun fil-bord tal-

ghazla. Dawk prezenti qabblu li fil-bord tal-ghazla jkun hemm nies professjonisti relatati mall-professjoni biex jiggudikaw l-offerti mitfugha.

**53.8 Korrispondenza**

53.8.1 Is-Sur John Boxall propona li l-mizata tal-Assoccjazzjoni Rete ma tithallasx peress li l-Kunsill m`ghadux involut aktar f`din l-Assoccjazzjoni. Dwar dan kien hemm qbil unanimu minn dawk prezenti.

53.8.2 Is-Sur John Boxall nforma lil dawk prezenti li sal-31 ta` Jannar 2018, kien hemm mall-€50,019.95 UIF Funds.

53.8.3 Prezentat l-istatut tal-Progett SOLIDA li gie diskuss fl-ahhar konferenza li saret f`Malta. Is-Sur John Boxall qal li waqt diskussjoni li saret, gie deciz li kull delegazzjoni ma thallasx mizata biex tigi krejata l-Assoccjazzjoni, u dan ghal fatt li lead partner spjega li diga` warrab xi flus mill-progett biex jaghmlu tajjeb ghal bidu ta` din l-Assoccjazzjoni.

53.8.4 Giet prezentata l-Mangement Letter ghas-sena 2017 li saret mill-awdituri.

53.8.5 Gie prezentata stqarrija ghall-istampa li saret mill-Ministeru ghat-Transport, Infrastruttura u Progetti Kapitali dwar l-inizjattiva *"Sebah il-Lokal"*. Wara diskussjoni gie deciz li l-Kunsill jara kif jista` japplika ghal xi progett jew aktar f`din l-inizjattiva.

53.8.6 Mibughta korrispondenza dwar it-tigdid tal-kera tas-shelters ta` Couvre Porte, fejn din giet imgedda ghal tlett snin b`effett mis-26 ta` Frar 2018.

53.8.7 Mibughta korrispondenza dwar EVS Projects taht il-programm Erasmus +, fejn il-Kunsill wera interess fi progett bl-isem *"SUNRISE".*

53.8.8 Mibughta korrispondenza lill-avukat tal-Kunsill dwar l-bye law tal-uzu ta` zona ta` Couvre Porte.

53.8.9 Prezentata l-applikazzjoni li l-Kunsill ghamel dwar ic-Cirkulari SPI3-2018 Skema ta` Taghlim u Progetti Edukattivi fil-Komunita.

53.8.10 Il-Kunsill ircieva ittra mill-ghaqda TEN08 fejn talab lill-Kunsill sabiex jibghatlu dettalji minn huwa l-kuntrattur responsabbli biex jkunu jisghtu jintfew is-swar u dan sabiex il-projection tkun wahad aktar effettiva. Is-Sindku tah it-taghrif mitlub.

53.8.11 Mibughta korrispondenza lis-Sur Silvio Frendo dwar il-gemellagg mall-Belt ta` Vignanello, fejn l-istess Kunsill kellu laqgha mas-Sur Frendo u gew iccarati xi punti sabiex dan il-gemellagg ikun jista` jigi ffinalizat.

53.8.12 Prezentat l-agreement li sar dwar il-progett ta` Xatt ir-Rizq, dak tal-mina li minn taht Couvre Porte tibqa` sejra sa fejn ic-Cement Stores, fejn gie mitlub mid-Direttur tal-Works li jekk il-Kunsill jaqbel ma ` dan il-ftehim tinghatlhu data biex issir l-iffirmar.

8:05pm Is-Sur Trevor Mizzi gie skuzat mill-laqgha.

53.8.13 Il-Kunsill ircieva korrispondenza dwar sejhiet tal-EEA Grant Regional Cooperation mill-agenzija Crastolla Law Firm, u l-Kunsill wera l-interess tieghu fuq wiehed mil-progetti miktuba – "*Improved environmental status in ecosystems and reduced adverse effects of pollution and other human activities.*"

53.8.14 Giet prezentata ittra fejn il-Kunsill wera l-interess tieghu fi progett li jaqa taht il-programm Interreg Projects.

53.8.15 Il-Kunsill wera interess li jissieheb fil-progett bl-isem DEPRAME Project, parti ffinanzjat mill-Unjoni Ewropeja.

53.8.16 Prezentata korrispondenza li ntbaghtet mill-Kap tal-Iskola Primarja tal-Birgu lis-Sur Julian Sammut minn Alf Mizzi & Sons fejn irringrazzjat lis-Sur Sammut tal-ghajnuna tieghu sabiex seghta jinxtara equipment tal-play area ghat-tfal tal-kindergarten. Is-Sur Boxall zied jghid li kien il-Kunsill li ghamel din it-talba sabiex is-Sur Sammut f`isem Alf Mizzi & Sons seta` jghin lill-iskola tinvesti f`dan l-apparat.

53.8.17 Gie prezentat il-programm tal-konferenza li ser issir gewwa Malta tal-Assoccjazzjoni European Walled Towns bejn it-13 u l-15 ta` Settembru 2018. Is-Sindku nforma lill-Kunsillier is-Sur Lawrence Attard sabiex jiehu hsieb u jattendi ghal din il-konferenza.

53.8.18 Mibughta ittra lill-Eccelenza Taghha President ta` Malta, Marie Louise Coleiro Preca sabiex tigi kkunsidrata talba tal-Kunsill biex il-membri tal-Kunsill akkumpanjat mis-Segretarju Ezekuttiv jaghmlu zjara ufficjali fl-ufficcju taghha fil-Palazz Presidenzjali.

**53.9 Komunikazzjoni mis-Sindku**

53.9.1 Is-Sur John Boxall nforma lil dawk prezenti li skond l-informazzjoni li waslitlu l-Armerija mhux ser ssir Istitut tal-Imhallfin u Magistrati Amerikani u ghalhekk propona li ssir laqgha mall-Onorevoli Ministru Michael Falzon biex din il-binja tkun tista` ssir dar tal-anzjani. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

53.9.2 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li nhar il-Gimgha 11 ta` Mejju 2018 ser titella attivita mill-KSU gewwa zona ta` Couvre Porte.

53.9.3 Is-Sur John Boxall informa lil dawk prezenti li l-intervisti ghall-skrivan/a fuq bazi part time kienu ser issiru l-Hamis 10 ta` Mejju u talab sabiex is-Sur Lawrence Attard u s-Sur Anton Gellel ikunu prezenti ghal waqt l-intervisti.

**53.10 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

53.10.1 Is-Sur Trevor Mizzi staqsa dwar meta ser ssir il-bankina ta` Triq il-Miratur. Is-Sindku talab sabiex jerga` jigi kkuntatjat il-kuntrattur.

53.10.2 Is-Sur Trevor Mizzi propona li dik il-bicca hamrija li hemm quddiem fejn kien hemm il-forn titnehha sabiex issir post ghall-parkegg. Is-Sur Boxall propona li ssir laqgha mal-perit biex il-Kunsill jinghatalu parir x`jista jsir.

53.10.3 Is-Sur Eman Zerafa staqsa jekk jisghtux jitnehhew xi whud mir-reserved parkings li hemm fi Triq San Lawrenz. Is-Sindku propona li l-Kunsill jara min applika ghal dawn ir-reserved parkings u tinkiteb ittra lis-Sur Silvio Scerri dwar dan. Is-Sur Gellel gibed l-attenzjoni fejn qal sabiex il-Kunsill jiccekja jekk hemmx xi whud li ghandhom ukoll il-blue badge skaduta.

53.10.4 Is-Sur Eman Zerafa staqsa wkoll jekk l-iscaffolding li hemm fi Triq San Lawrenz mall-hajt tal-Muzew Marittimu jistax jitnehha ghax qieghed jostakola hafna parkeggi. Dwar dan is-Sindku talab li tinkiteb ittra lis-Sur Magro Conti.

53.10.5 Is-Sur Anton Gellel staqsa dwar l-un/loading li saret quddiem hanut tal-haxix fejn hafna nies ilmentaw minhabba li ntilef parkegg iehor anke meta l-hanut ikun maghluq. Is-Sur Boxall talab sabiex il-Kunsil jikkuntatja lil sid il-hanut sabiex jinghatawlu l-granet u l-hinijiet tal-ftuh tal-istess hanut.

**53.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta` Pagamenti**

Is- Sindku, is-Sur John Boxall ressaq ghall-approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti li tkopri c-cekkijiet bin-numri, BOV 4109 sa` BOV 4167 fejn cekk numru BOV 4152, 4153, 4156 gew kkancellati u cekkijiet bin-numri HSBC 9686 sa' HSBC 9716 fejn cekk numru HSBC 9699 gie kkancellat. Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-Iskeda ta' Pagamenti ddatata 5 ta`April 2018 sa` 9 ta`Mejju 2018.

**53.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fit-tmienja u kwart ta` filghaxija (8.15pm). Il-Laqgha giet aggornata ghall-Erbgha 31 ta` Mejju 2018 fil-hamsa ta` filghaxija.

Konfermati illum l-Erbgha 13 ta` Gunju 2018

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall<br>Sindku | Lara Mascena<br>Segretarju Eżekuttiv |